**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 23 ta' Novembru, 2022**

**Talba Nru: 359/2021MD**

**AP Valletta Limited (C 47097)**

**Vs**

**AE4 (Malta) Construction Ltd (C 78173)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Dicembru, 2021[1] permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi dikjarata debitrici tas-socjeta' attrici u konsegwentement kkundannata thallasha s-somma ta' tlett'elef, hamsa u tletin Ewro u tnejn u sittin centezimu (€3,035.62) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' arkitettura fil-process ta' twettiq ta' xogholijiet strutturali fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta; bl-ispejjez gudizzjarji u *extra*-gudizzjarji, inkluz dawk ghall-ittra ufficjali 166A numru 1918/2020 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-fatturi[2] annessi mal-istess avviz.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 6 *et seq* tal-process.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tal-10 ta' Novembru, 2022,[3] u tal-15 ta' Novembru, 2022.[4]

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2022[5] u fil-fatt is-socjeta' konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi ghalih ghas-seduta tal-15 ta' Novembru, 2022.

Ra x-xhieda ta' Conrad Buhagiar[6], fejn ikkonferma li l-ammont ta' tlett'elef, hamsa u tletin Ewro u tnejn u sittin centezimu (€3,035.62) ghadu dovut u ilu dovut mit-13 ta' Mejju, 2020.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mill-fatturi annessi mal-istess avviz li jindika il-bilanc dovut ghal-servizzi rezi in konnessjoni ma' arkitettura fil-process ta' twettiq ta' xogholijiet strutturali fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, u mix-xhieda ta' Conrad Buhagiar.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici, jiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lil socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta' attrici, is-somma ta' tlett'elef, hamsa u tletin Ewro u tnejn u sittin centezimu (€3,035.62) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' arkitettura fil-process ta' twettiq ta' xogholijiet strutturali fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, bl-imghax dekorribbli mit-13 ta' Mejju, 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, u extra-gudizzjarji inkluz dawk ghall-ittra ufficjali 166A numru 1918/2020 jithallsu unikament mis-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

---

[3] *A fol* 22 tal-process.
[4] *A fol* 24 tal-process.
[5] *A fol* 23 tal-process.
[6] *A fol* 24 tal-process; verbal datat 15 ta' Novembru, 2022.